# L-għaqdiet ambjentali se jikkontestaw id-deċiżjoni tal-ERA li ma tippubblikax il-Carrying Capacity Assessment għal Kemmuna

## L-ERA tkompli tirrifjuta l-pubblikazzjoni ta' dan l-istudju importanti, hekk kif għal sajf ieħor tippersisti l-impunità tal-operaturi kummerċjali fuq il-gżira

Seba' għaqdiet ambjentali se jkunu qed jappoġġjaw appell kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) li ma tippubblikax Carrying Capacity Assessment dwar il-viżitaturi fuq il-gżira ta' Kemmuna, minkejja diversi tenattivi li saru biex dan id-dokument jiġi ppubblikat. Il-ħtieġa li jsir studju bħal dan biex ikun stabbilit il-massimu ta' nies li tiflaħ il-gżira kien elenkat bħala rekwiżit fil-Pjan tal-Immaniġġjar għal Kemmuna li kien finalizzat fl-2014, liema pjan kien stabbilixxa numru ta' miri u prijoritajiet immirati li jħarsu u jirrestawraw il-bijodiversità tal-gżira.

Talbiet inizjali li saru minn rappreżentanti ta' BirdLife Malta biex dan l-istudju jiġi ppubblikat kienu rrifjutati mill-ERA, u għalhekk BirdLife Malta ressqet talba formali magħrufa bħala Freedom of Information (FOI) request, f'Ottubru 2023. L-ERA talbet estensjoni biex tkun tista' tirrispondi, biex imbagħad f'Diċembru wieġbet li d-dokument ma setax jiġi ppubblikat bl-iskuża li din hija materja ta' natura riservata rikjesta mill-Kabinett tal-Ministri. BirdLife Malta eskalat il-kwistjoni u ressqet ilment formali (FOI

complaint), li wassal għal investigazzjoni min-naħa tal-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u d-Data (IDPC). Fil-konklużjoni tal-investigazzjoni tal-IDPC, ingħad li nota min-naħa tas-Segretarju tal-Kabinett kienet tgħid li dan id-dokument intalab mill-Kabinett, u li kien eżentat bil-liġi milli jiġi ppubblikat.

Bi tweġiba għal dan, BirdLife Malta u sitt ENGOs oħra se jressqu appell quddiem it-Tribunal tal-IDPC li fih jargumentaw li l-Carrying Capacity Study mhux prerogattiva tal-Kabinett, imma rekwiżit tal-Pjan għall-Immaniġġjar ta' Kemmuna tal-2014 ikkummissjonat mill-ERA stess, u li suppost għandu l-għan li jservi bħala gwida b'rabta mat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-miżuri ta' konservazzjoni għall-ħarsien tal-gżira.

L-għaqdiet ambjentali jikkundannaw il-fatt li l-ERA qed tirrifjuta li tippubblika dan id-dokument importanti. Il-fatt li dan qed isir wara intervent tas-Segretarju tal-Kabinett jindika tkaxkir tas-saqajn biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-turiżmu tal-massa fuq Kemmuna li qed jikkawża impatt ambjentali sinifikanti waqt li jiġġenera profitt għal dawk li jipprovdu s-servizzi, kemm legalment u anke illegalment.

Fil-Bajja ta' Santa Marija, fil-fatt, fl-aħħar jiem tfaċċa kjosk ieħor mingħajr il-permessi neċessarji tal-ERA li huma meħtieġa biex ikunu awtorizzati attivitajiet bħal dawn f'sit Natura 2000. Min-naħa l-oħra, fl-aħħar jiem l-ERA tat il-kunsens tagħha biex operaturi tal-kjoskijiet jikkampjaw fuq in-naħa ta' wara tal-Bajja ta' Santa Marija sal-aħħar ta' Settembru 2024, minkejja li twaqqfet camp site apposta għall-pubbliku f'parti oħra tal-gżira. Is-sena l-oħra, f'April 2023, f'parti oħra ta' Kemmuna tfaċċaw ukoll numru ta' sunbeds, lil hinn mill-inħawi tal-konċessjonijiet eżistenti fil-Blue Lagoon, bil-konsegwenza li l-attivitajiet kummerċjali fuq dan is-sit Natura 2000 li suppost huwa protett, komplew jinfirxu u jespandu lejn żoni oħra tal-gżira.

Sadanittant, il-proposti biex tinbena mill-ġdid il-Comino Hotel għadhom qed jiġu riveduti, bl-għaqdiet ambjentali qed jikkontestaw l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali (EIA) li sar biex jistabbilixxi l-impatt tal-lukanda fuq is-sit Natura 2000. Fost id-diversi difetti li qed jiġu kkontestati mill-NGOs, hemm il-fatt li l-istudju ma ħasibx għan-numru addizzjonali ta' viżitaturi li lukanda u faċilitajiet ġodda se jiġġeneraw fuq Kemmuna ma' dawk li diġà jippakkjaw il-gżira tul ix-xhur tas-sajf.

Aħna qed nappellaw lill-gvern biex jiddistakka ruħu mill-interessi tal-operaturi kummerċjali u jiddikjara b'mod ċar u mingħajr ħabi l-limitazzjonijiet li għandha l-gżira ta' Kemmuna fir-rigward ta' kemm tista' tiflaħ turiżmu sostenibbli, fl-istess ħin li jagħti prijorità lill-ħarsien tan-natura fuq l-esplojtazzjoni dejjem tikber tal-gżira għall-profitt. Il-futur ta'

Kemmuna bħala gżira fl-aħjar stat naturali li titgawda minn kulħadd, illum u fil-ġejjieni, jiddependi fuq strateġija fit-tul għall-ħarsien tal-gżira, bi ppjanar u infurzar adegwat li jkollu l-iskop li jiżgura s-sostenibbiltà u mhux li jħaxxen il-bwiet ta' ftit operaturi magħżula għad-dannu tal-wirt naturali tagħna. Irridu nwissu wkoll kontra l-kummerċjalizzazzjoni tal-Bajja ta' Santa Marija li eventwalment se tispiċċa replika ta' dak li qed jiġri fil-Blue Lagoon.

**Għaqdiet ambjentali:**
BirdLife Malta
Moviment Graffitti
Flimkien għal Ambjent Aħjar
Din l-Art Ħelwa
Friends of the Earth Malta
Nature Trust-FEE Malta
Ramblers' Association of Malta

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**
- Il-Pjan tal-Immaniġġjar għal Kemmuna

**Ritratti:**
1. Ritratt meħud fit-23 ta' Mejju 2024 minn BirdLife Malta li juri kjosk/bejjiegħ ġdid ikkampjat fil-Bajja ta' Santa Marija f'Kemmuna mingħajr il-permessi tal-ERA
2. Ritratt meħud fil-21 ta' April 2024 minn BirdLife Malta li juri tmien kjoskijiet u operaturi diġà armati u lesti qed jimblukkaw l-aċċess għat-triq f'Kemmuna mill-Blue Lagoon qabel ma jibda l-eqqel tal-istaġun turistiku
3. Deckchairs u umbrelel ta' wieħed mill-operaturi li nfirxu lejn parti ġdida fit-tramuntana tal-Blue Lagoon f'Mejju 2023. Minkejja lmenti mill-NGOs, l-operatur għadu qed juża din iż-żona anke tul dan is-sajf